**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Marzu, 2016

Rikors numru : 51/2016 AL

AB
vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dokument A) u miz-zwieg taghhom ma twieldu ebda ulied ;
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Victor Bisazza fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dokument B);
3. Illi jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi fir-rigward ta' l-obbligi tal-hlas tal-manteniment il-konjugi kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment

minghand xulxin (Artikolu sitta (6) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008);

4. Illi ma hemm l-ebda prospetti ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti ;
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u, in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, dina il-Qorti m'ghandhiex prevja s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66 C.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha tiddikjara li hija moralment ma taqbilx mad-divorzju ghal ragunijiet ta' kuxjenza, hija taqbel mal-fatti kollha kif esposti mill-attur u ghalhekk ma hix toggezzjona ghat-talba tal-attur ghad-divorzju, izda toggezzjona ghat-talba ghall-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Mejju 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.